KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**36/18**

**Minuti tas-sitta u tletin (36) Laqgħa tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar il-Gimgħa 5 t'Ottubru fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużat:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (bagħat ittre, impenjat) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (bagħat ittre, ma jiflaħx) |

***Aġenda:***

1 Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat -: 30/18 (tat 21/8/2012 li saret 10/9/2012), u laqgħat b'urġenza numru 31/18 (29/8/2012), 32/18 (29/8/2012), 33/18 (29/8/2012) u 34/18 (18/9/2012).
*2* Punti mqajma mill-minuti
3 Kommunikazzjoni mis-Sindku
4 Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-17.35 ta' filgħaxija.

1 Is-Sindku beda l-laqgha bit-talba.

**2 Korrezzjoni tal-Aġenda Numru 36:**

2.1 Is-Sindku, s-Sur Horace J Anastasi talab għall-korrezzjoni tal-Aġenda numru 36 – peress li din il-laqgħa ma kienetx laqgħa b'urġenza imma tkomplija tal-Laqgħa numru 35 meta l-laqgħa tal-Kunsill kienet spiċċat mingħajr kworum għax kellu jitlaq is-Sur Ronald Briffa minħabba xogħol.

3 ***Qari u approvazzjoni tal-minuti 30/18 bid-data 10/9/2012:***

3.1 Is-Sindku qal li l-ġimgħa li għaddiet kellhom laqgħa tal-Kunsill numru 35 u li bdew il-laqgħa bil qari tal-minuti. Kienu laħqu tkellmu fuq il-*containers* ta' Bandallu u ta' Triq

Carini u bdew fuq il-kera tad-*Day Centre* imma, ma laħqux ħadu deċiżjoni fuq id-*Day Centre* peress li l-laqgħa spiċċat bla kworum.

3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li ser ikomplu jiddiskutu l-kera. Hawnhekk is-Sinj Mariella Micallef staqsiet jekk il-kera hijiex tad-*Day Centre* u dan ikkonfermah is-Sindku. Huwa spjega li kien hemm sospenzjoni tal-Aġenda imma, ma kienux laħqu eżawrixxu s-suġġet indikat. Is-Sindku qal li qabel mas-Sur Sultana li minħabba l-kera jridu joħorgu *tender* imma, s-Sindku qal li l-aħjar li l-ewwel ikellmu lis-sid tad-*Day Centre*.

4 ***Sospensjoni tal-Laqgħa – Bord tal-Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv.***

4.1 Is-Sindku talab għal sospensjoni tal-laqgħa biex jiddiskutu il-Bord tal-Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Briffa issuġġerixxa li jaraw min jista' jkun fuq il-Bord. Is-Sindku qal li huwa ħa jkun fuq il-Bord u jrid jkun hemm żewġ membri oħra fuq il-Bord tal-Għażla. Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti min seta' jkun fuq dan il-Bord u li l-Bord għandu jiltaqa' nhar il-Ġimgħa 12 t'Ottubru 2012 fis-2.30 ta' wara nofsinhar. Is-Sur Briffa qal li huwa se jkun ukoll, fuq il-Bord, imma is-Sinj Micallef u is-Sur Camilleri ma setgħux. Is-Sur Briffa issuġġerixxa lis-Sur Edwin Formosa u l-Kunsillieri preżenti qablu. Is-Sindku pprova jċempel lis-Sur Formosa imma ma rrnexxilux jaqbdu u qal li kien se jerġa' jipprova jċempillu wara l-laqgħa.

4.2 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li huwa kiteb liċ-Ċermen tar-Reġjun Ċentrali u kkopja lid-Direttur tad-DLG fejn talab li l-Kunsill jkollu Segretarju Eżekuttiv biex imexxi l-Bord għall-Ħatra ta' Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill ta' Santa Venera. Huwa informa lill-Kunsillieri preżenti lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sur Simon Cauchi, li huwa ukoll is-Segretarju tal-Pieta' ser jkun qed imexxi l-Bord tal-Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Santa Venera. Is-Sindku reġa' informa lill-Kunsillieri preżenti li l-applikazzjonijiet ser jinfetħu nhar l-Erbgħa 12 t'Ottubru wara nofsinhar jiġifieri, meta tagħlaq is-sejħa. Il-membri tal-Bord se jkunu s-Sindku, s-Sur Ronald Briffa u s-Sur Edwin Formosa.

**5** ***Punti mressqa mill-minuti:***

5.1 ***Laqgħa numru 30/18 bid-data 10/9/2012 - Punt 8.6.2.2 – dwar kuntratti u tenders:***

5.1.1 Is-Sindku qal li ser ikomplu fejn ħallew fl-aħħar laqgħa fuq il-kirja tad-*Day Centre*. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu għandhom jitkellmu mas-Sid tad-*Day Centre* is-Sur Joseph Muscat u isaqsuh x'inhi t-talba tiegħu u jiktbu xorta lid-DLG. Jekk dan jitlob żieda żgħira, xorta waħda jinfurmaw lid-Dipartiment u imbagħad imorru għal *Tender*. U jekk joffrihulna għal sentejn u l-kera ma tkunx esaġerata jara jekk id-Dipartiment jaċċettax.

5.1.2 Is-Sinjura Micallef qalet li jekk forsi jgħolli l-kera, l-Kunsill jipprova jitlob lid-Dipartiment biex jgħatina l-kumplament forsi, għal sentejn.

5.1.3 Is-Sindku qal li forsi d-Dipartiment jagħtina post alternattiv jew iħallas kollox hu ghal dawn is-sentejn jew sa kemm ilestu. Is-Sindku staqsa jekk dawk kollha preżenti jaqblux ma' din il-proposta.

5.1.4 Is-Sur Camilleri ssuġġerixxa li aħjar imorru għal 3 snin peress li ma jħossx li post ġdid jilħaq jitlesta f'sentejn. Żied jgħid li huwa ma jħossux komdu li ma jistax imur ikellem lill-anzjani fid-*Day Centre* u li huwa persona *non grata*. Is-Sindku qal li dan m'ghandhux

x'jaqsam mat-tema imma jistgħu jippruvaw idaħħluha fil-kuntratt. Is-Sur Camilleri staqsa jekk jkollhomx ibiddlu l-kuntratt u s-Sindku qal li l-kuntratt ikollu jitbiddel.

5.1.5 Is-Sindku reġa' staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk jaqblux mal-proposta u qablu "nem con".

5.2 ***Punt 6.2.5 (18 ta' Ġunju 2012)***

5.2.1 Punti mressqa mill-minuti: Is-Sindku staqsa lil-ASE fuq id-devoluzzjoni tar-roundabout ta' Santa Venera. L-ASE qalet li qed tistenna li tirċievi xi dokumenti sabiex tkun tista' titfa' l-applikazzjoni. Is-Sur Camilleri staqsa jekk ir-*roundabout* taqax taħt il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li riċentiment infurmawh lir-roundabout hija responsabbilta' ta' TM skont il-Perit David Vassallo imma, tinsab fil-konfini ta' Santa Venera. Is-Sur Camilleri staqsa għalfejn id-dawl tar-*roundabout* qed iħallsu l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sur Camilleri qal li xi ħadd infurmah lir-*roundabout* hija tal-gvern. Hawnhekk is-Sindku ikkoreġġih u tenna lir-responsabbilita' hija tat-TM u jekk iridu jħallsu d-dawl jistgħu jdawru l-miter tad-dawl fuqhom.

5.2.2 Fuq id-devoluzzjoni tal-Art biswit il-Kunsill - L-ASE qalet li għad-devoluzjoni tal-art biswit il-kunsill hija kitbet lil Ministeru tal-Edukazzjoni u Xoghol peress li l-art taqa' taħt id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u li l-Kunsill irid jippreżenta l-pjanta tas-sit mal-applikazzjoni.

5.3 Terġa' tkompli l-***Kommunikazzjoni tas-Sindku – Punt 9.5: Il-Ġieħ :***

5.3.1 Is-Sindku informa l-Kunsillieri fuq x'ħa jiġri fl-okażżjoni tal-Ġieħ Santa Venera. L-ASE infurmat lill-Kunsilleri preżenti li kitbet lill-Onor. Ministru Dolores Cristina jekk nistgħux nużaw il-*foyer* ta' Casa Leoni u dawn ikkonfermaw li nistgħu nużawh. Hemm bżonn li nieħdu tlett kwotazzjonijiet għar-riċeviment u s-Sindku qal li m'hemmx għalfejn titla' Kunsill biex jikkonfermaw l-aħjar offerta. Ser jinħareg 60 invit peress li din ġiet ikkonfermata fl-laqgħa li għaddiet.

5.3.2 Fuq l-applikazzjonijiet kien ser jkellem lill-~~Kapillan~~ Kappillan biex jitqassmu l-Knisja. Imma s-Sur Camilleri qal li l-Kapillan ma jaħsibx li ser jaċċetta. Is-Sur Camilleri baqa isostni biex jistiednu lil eks kunsillieri imma s--Sindku spjega li din diġa kienet ~~decizzjoni~~ deċiza fuqha fl-laqgħa oħra.

6 ***Kommunikazzjoni tas-Sindku***

6.1 ***Refużjoni tal-Kont tas-Servizzi tal-ilma***

6.1.1 Is-Sindku qal lill-ASE biex titlob għal refużjoni tal-Kont fuq *Braille Street* lid-DLG peress li jistgħu jieħdu 20% refużjoni fuq il-kont tal-WSC. L-ASE kienet kitbet lid-DLG u dan infurmaha li qabel ma jitlobu għal refużjoni jrid jkollhom ċertifikazzjoni mill-Perit lit-triq saret u saret sew u, fl-istess ħin tibgħat kopji tal-kont u tar-riċevuti. L-ASE għadha qed tistenna ċ-ċertifikazzjoni mill-Perit Bezzina. Fil-fatt kitbet ħafna drabi lill-Perit u ħa terġa' tiktiblu.

6.2 ***Tender tal-Contracts' Manager***:

6.2.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill kien ikkonferma ħruġ ta' disa' (9) *tenders* u l-ASE kienet kitbet lill-Kunsillieri kollha biex il-Kunsill joħroġ *tender* ieħor u li wħud mill-Kunsillieri mmejljawlna li l-aħjar li tkun diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill.

6.2.2 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li huwa ma jistax jibqa' waħdu, jirrapporta u jdur u jispezzjona fuq il-bozoz, fuq l-iskart, fuq il-ġonna, eċċ. Huwa qal li fid-dokument tat-*tender* tal-*Contracts Manager* li kellhom fiż-żmien l-eks Sindku Stephen Sultana kienet tneħħiet klawsola important. Huwa kompla jirrimarka li kien t'importanza kbira li *Contracts' Manager* irid ikollu kapaċitajiet u kwalifiki u, li għaldaqstant, il-Kunsill se jħaddem C*ontracts' Manager,* u li dan jirraporta fuq kollox lis-Segretarju Eżekuttiv.

6.2.3 Is-Sinj Micallef qalet li taqbel ma' dan li qed jirrimarka s-Sur Horace J. Anastasi u sostniet li mhux bozza iddum ħafna aktar minn ħamest ijiem biex tissewwa. Is-Sindku qal li dan huwa xogħol tal-kuntrattur tad-dawl imma importanti li noħorġu *tender* ghall-*Contracts' Manager* bil-kwalifiki u li jirraporta f'24 siegħa żmien. Is-Sinj Micallef qalet li importanti li jkollu iż-żmien stipulat ta' meta jrid jirrapporta lis-Segretarju. Is-Sindku qal li huwa kellu jwaqqaf il-kuntratt ta' qabel peress lix-xogħol ma kienx sodisfaċenti u pprefera jagħmlu hu sakemm il-Kunsill ikollu aktar flus.

6.2.4 Is-Sur Camilleri qal li peress li m'hemmx fuq l-Aġenda komunikazzjoni tal-Kunsillieri huwa ma jistax jikkummenta iżda, s-Sindku tenna li xorta seta' jikkummenta kif kien qiegħed jagħmel f'dak il-ħin. Is-Sur Camilleri sostna li lanqas fil-laqgħa l-oħra ma seta' juri l-ilmenti tiegħu u, s-Sindku ma qabilx miegħu u, wieġbu li d-darba l-oħra kien staqsihom jekk kellhomx xi lmenti, għal darba u darbtejn u, ħadd minn dawk preżenti ma wieġeb. Is-Sindku tenna wkoll, li huwa dejjem jisħaq lill-Kunsillieri huma fid-dmir li jiġu l-Kunsill jaraw il-Korrispondenza u jistgħu wkoll, jirrappurtaw l-ilmenti lis-Segretarju Eżekuttiv u/jew lill-Iskrivani. Is-Sur Anastasi qal li huwa talab lir-Reġjun Ċentrali biex jitneħħa il-kuntrattur tad-Dawl u, sostna li kien se jipprova li ma jħallasx għas-servizzi tas-Sur John O'Dea iżda qalulu biex jistenna ftit peress li qed isiru rapporti lid-Dipartiment. Is-Sindku saħaq lill-kuntrattur ma kienx qiegħed jonora l-kuntratt.

6.2.5 Is-Sindku kompla jitkellem fuq it-*Tender* tal-*Contracts' Manager* u li dan ser ikollu jieħu ħsieb dawn it-tenders:

1. *Maintenance of Traffic Signs, Installation of Mirrors and Road markings (painting)*
2. *Upkeep of Gardens, Playgrounds and Soft Areas*
3. *Local Council Manual Workers*
4. *The Collection of Bulky Refuse*
5. *Opening, Closing and Upkeep of Public Convenience*
6. *Transport for Day Centre*

~~7. *Maintenance of Traffic Signs, Installation of Mirrors and Road markings (painting)*~~

7 *Opening, Closing and Surveillance of Casa Leoni and Romeo Romano Gardens and Playing Fields*

8. *Street/Pavement sweeping, Weeding and Cleaning of soft areas, gardens and playing fields*

9. *Hoisting of flags on weekdays/weekends and public holidays*
10. *Reporting on Street Lighting*
11. *Day Centre Building/Local Council Administration*
12. *Kull tender ieħor eżistenti jew li għad irid joħrog*

6.2.6 Is-Sur Camilleri qal jekk huwiex qed jifhem sew li dan ser ikun fuq dawn it-tenders kollha u rrimarka kemm ser jitlob.

6.2.7 Is-Sindku qal li ser jipproponi t-*tender* tal-*Contracts' Manager* u s-Sinj Micallef issekondat il-proposta. Is-Sindku talab ghall-vot: Is-Sindku s-Sur Anastasi, is-Sur Briffa, Is-Sinj Micallef kienu favor il-proposta u s-Sur Camilleri astjena.

6.2.8 Il-Vot għadda 3 favur u 1 astensjoni waħda.

6.2.9 Is-Sindku tkellem fuq it-*Tenders* l-oħra; tal-*Accountant* ser tkun iżjed dettaljata u qara partijiet essenzjali mill-kuntratt. It-*tender* tas-*Street sweeping, weeding and cleaning* kważi baqa' l-istess u qara ftit minnu. Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li jridu jiddeċiedu kemm ser jiswew id-dokumenti tad-*Tenders*. Is-Sindku ippropona li l-inqas wieħed ikun €50 u jistgħu jitilgħu €175 u għall-bini ghall-Kunsill Lokali/*Day Centre* ikun €200.

6.2.10 Is-Sindku stqar lill-prezzijiet tat-*Tenders* għandhom ikunu hekk:

1. *Maintenance of Traffic Signs, Installation of Mirrors and Road markings and painting €150*
2. *Upkeep of Gardens, Playgrounds and Soft Areas €150*
3. *The Collection of Bulky Refuse €75*
4. *Opening, Closing and Upkeep of Public Convenience €75*
5. *Transport for Day Centre €75*
6. *Opening, Closing and Surveillance of Casa Leoni including Romeo Romano Gardens and Playing Fields €75*
7. *Street/Pavement sweeping, Weeding and Cleaning of soft areas, gardens and playing fields €150*
8. *Provision for Services of a Qualified Accountant €75*
9. *Local Council Contracts' Manager €75*
10. *Day Centre Building/Local Council Administration €200*

6.2.11 Is-Sindku qal li l-*Adjudication Board* tat-*tenders* ser tiġi dikussa fl-laqgħa oħra u li t-*Tenders* iridu joħorġu qabel Novembru 2012.

6.3 ***CCTV fil-Ġonna ta' ma' Casa Leoni—inkluż Ġnien Romeo Romano***

6.31 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li waqt waħda mil-laqghat tal-Kunsill, il-Kunsillieri kienu qablu li l-ġonna jkollhom CCTV *Cameras*. Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li talab għall-kwotazzjoni għas-CCTV *cameras* u li tal-Firetech ġiet tiswa' €1144. Din se tkopri l-ewwel fażi. Il-Kunsillieri preżenti qablu mal-kwotazzjoni u lix-xogħol jibda kemm jista' jkun malajr.

***7 Laqgħa numru 31 bid-data 29/8/2012 - Talba għad-Devoluzzjoni tal-Art biswit il-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera***

7.1 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsillieri ghandhomx xi korezzjonijiet tal-minuti jew xi punti mressqa mill-minuti. Is-Sur Camilleri staqsa jekk kienux għamlu l-minuti kollha l-aħħar darba. Is-Sindku qal li l-aħħar darba kienu inqraw l-ewwel set tal-minuti (numru 30) u imbagħad kien hemm sospenzjoni. Is-Sindku reġa staqsa jekk għandhomx xi korezzjonijiet tal-minuti u ħadd ma kellu korrezzjonijiet.

7.2 ***Punti mressqa mill-minuti:***

7.2.1 Is-Sur Camilleri reġa staqsa fuq id-devoluzzjoni. L-ASE infurmat lill-Kunsillieri li kienet kitbet lill-Ministru Jason Azzopardi u lill-Ministeru tal-Edukazzjoni, minħabba l-art u issa ser tikteb lill-Mepa biex tordna mappa tal-Art biswit il-Kunsill.

7.2.2 Il-minuti ġew ikkonfermati u ffirmati.

8 ***Laqgħa numru 32 bid-data 29/8/2012 - Fines' collection***

8.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u lanqas punti mressqa mill-minuti. Il-minuti ġew ikkonfermati u ffirmati.

9 ***Laqgħa numru 33/18 – bid-data 19/8/2012 - Mozzjoni - Day Centre tal-Anzjani***

9.1 Is-Sindku staqsa jekk għandhomx korrezzjonijiet għall minuti numru 33. Id-Data tal-minuti kellha tinbidel minn 28/8/2012 għall- 29/8/2012.

***9.2 Punti mressqa mill-minuti.***

9.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-aħjar ikellmu lis-Sur Muscat, is-Sid tad-*Day Centre* u jiktbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq il-kera tad-*Day Centre.*

9.2.2 Is-Sur Camilleri qal li huwa ma jistax jidħol biex ikellem ħabib tiegħu fil-Dar tal-Anzjani. L-ASE kienet kitbet lid-dipartment biex jibgħatula d-direzzjoni li kienu taw fi żmien l-eks Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Camilleri qal li ma jridx li jinterpretawh ħazin u li huwa *persona non grata*. Is-Sindku staqsa jekk ħadniex risposta mid-Dipartment sabiex l-ASE tgħaddi kopja taċ-ċirkulari tad-Dipartiment lis-Sur Camilleri. L-ASE qrat l-ittra bid-data 9/6/2011 dwar il-każ.

10 ***Laqgħa numru 34/18 bid-data 19/9/2012 - Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv***

10.1 Is-Sindku staqsa jekk għandhomx korrezzjoni tal-minuti. Ma kienx hemm korrezzjoni tal-minuti.

***10.2 Punti mressqa mill-minuti***

10.2.1 Is-Sindku staqsa jekk għandhomx punti mressqa mill-minuti. Huwa spjega li kien diġa infurmahom waqt il-Kommunikazzjoni tas-Sindku fuq is-Sur Simon Cauchi li ser jkun is-Segretarju Eżekuttiv mal-Bord waqt l-intervisti tal-applikanti u li ser imexxi il-proċess tal-ħatra hu.

10.2.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati.

***11 Kommunikazzjoni tas-Sindku***

11.1 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi ilmenti. Is-Sur Camilleri staqsa għalfejn reggħet ma zziditx it-tema tal-ilmenti u l-Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri fuq l-Aġenda. Is-Sindku spjega li minħabba li kien hemm ħafna affarijiet biex jiġu diskussi u kien hemm ukoll it-*tenders*, ma setgħax iżid l-ilmenti fuq l-Aġenda għax ma kienux ilaħħqu jiddiskutu kollox u l-laqgħa ma kienetx tispiċċa kompluta u kien ikollom jagħmlu laqgħa tat-tkomplija.

11.2 Is-Sindku qal ukoll li ser jibda jistaqsi lill-Kunsillieri jekk jkollomx ilmenti waqt il-parti mill-Kommunikazzjoni tas-Sindku. Is-Sindku stieden lis-Sur Camilleri biex jagħti l-ilmenti.

11.3 ***Ilmenti:***

11.3.1 ***Triq Romeo Romano – karozza mgħottija*** - Is-Sindku qal li din il-karozza rraporta ħmistax ilu lill-pulizija. L-ASE qalet li l-pulizija jgħalqu l-każ wara xi 6 xhur. Is-Sur Camilleri qal li n-nies jgħidu li l-Kunsillier ma għamilx xogħolu peress li l-ilmenti qed jieħdu ħafna żmien biex jiġu riżolvuti.

11.3.2 ***Il-siġra mat-Traffic Lights quddiem Apap Institute*** - Is-Sindku qal li fl-14 t'Ottubru 2012 ser isir żbir ta' ħafna siġar f'Santa Venera. L-ASE għandha tibgħat lill-ħaddiem tal-Kunsill biex jiżbor din is-siġra partikolari.

11.3.3 ***Garaxx f'Carini Street jaghmel tabella biex ma jipparkjawx*** - Is-Sindku qal li dan m'għandhux permess mill-Kunsill diment li m'għandhux l-arma tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega x'inhi l-liġi tat-*towing/no parking*.

11.3.4 Is-Sur Camilleri staqsa x'tgħid il-liġi għal *parking* quddiem il-garaxx, u *parking* quddiem *store*. Is-Sindku spjega li quddiem garaxx wieħed ikollu kaxxa safra u *store* ikollu kaxxa bajda. Jekk ipparkjajt quddiem il-garaxx il-pulizija jew l-*warden* ma jistax jirraportak imma jirraportak biss is-sid jekk ma jkunx jista' jidħol jew joħrog. Is-Sur Camilleri qal li jista' jkollok *store* u hemm bżonn ta' kaxxa safra biex jidħol bil-*forklifter*. Is-Sindku qal li dan suppost jitlob permess u forklifter irid ikun ġewwa u mhux barra.

11.4 Is-Sur Camilleri semma każ li ilu għaddej 3 snin u poġġa fuq il-mejda tal-kamra ritratti ta' garaxx fi Triq Carini. Is-Sur Camilleri stqarr li ma jixtieqx jagħmel ħsara jew jagħmel rapporti. Is-Sindku qal li huwa diġa rraporta dal-każ li rrappurtalu l-istess Kunsillier lis-Surġent Ambrogio u qallu biex imexxi r-rapport. Is-Sindku qal li jrid ifaħħar lis-Surġent

Ambrogio tax-xogħol siewi li jwettaq f'Santa Venera. Is-Surġent Ambrogio qal lis-Sur Camilleri li l-*containers* suppost iħottu f'Ħal Far u jħottu minn containers żgħar. Is-Sindku qal li l-*containers* il-kbar jistgħu jinħattu jekk ikollhom permess tal-Kummissarju jew mit-TM. Is-Sindku spjega il-każ ta' Bandallu u li ltaqa' mas-Sur Busuttil u ftehmu kif kellu jsir ix-xogħol biex b'hekk ma ntellfu l-ħobż ta' ħadd u huma jagħtu kas tar-Residenti u ta' kull min juża dik it-triq. Is-Sindku qal li issa jiktbu lill-Kummissarju dirett fuq Triq Carini u jibgħatulu r-ritratti. Is-Sur Camilleri qara l-ligi bid-data April 2010, klawsola 12.

11.5 Is-Sindku spjega fuq l-abbuż tal-Ħanut ta' Triq il-Lunzjata ma' Triq Ġuze Pace u għad li jkun irrappurtat lill-Pulizija l-abbuż jibqa'.

11.6 Is-Sindku staqsa jekk hemmx iżjed ilmenti u ħadd ma kellu izjed.

11.7 Is-Sur Camilleri esprima ruħu li jixtieq jsejjaħ laqgħa għar-residenti ta' Santa Venera u wara laqgħa oħra għal dawn li huma involuti fl-imħażen. Is-Sindku qal li aħjar jistenna ftit biex jara kif ser tisvolġi ħalli wara jkun jista' jsejjaħ laqgħa għar-residenti.

12 Is-Sindku aġġorna il-laqgħa għas-26 t'Ottubru 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

13 Il-Laqgħa intemmet fis-18.40 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, 7 ta' Novembru 2012